**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 24 ta' Jannar, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 506/2014 AF**

**Jason Mifsud**

**vs**

**Zafer Ulusoy u Meltem Ulusoy u b'digriet tat-12 ta' Jannar 2015 gew nominati l-Avukat Dr. Alessandro Lia LL.D u Prokuratur Legali Noel Scerri bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil assenti Zafer Ulusoy u Meltem Ulusoy**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Jason Mifsud li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-intimati kienu hargu kambjala favur tal-esponent ghas-somma ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24), liema kambjala kienet datata l-10 ta' Gunju 2009 u kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata Dok. "A".

Minkejja l-fatt illi l-kambjala surreferita skadiet, l-intimati baqghu ma hallsux l-ammont dovut fuq l-istess lill-esponent.

Ghalhekk l-esponent kellu jipprocedi bil-prezenti kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-kambjala datata 10 ta' Gunju 2009 skadiet u ghalhekk is-somma ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24) hija dovuta lill-esponent.

2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu l-istess somma ta' tlettail elf, disa' mija u sitta u sebghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24) lill-esponent, bl-imghaxijiet mid-data tal-iskadenza tal-imsemmija kambjala.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li jinsabu minn issa ingunti ghas-subizzjoni

Rat id-dokument anness.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-12 ta' Jannar 2015 li permezz tiegħu nnominat lill-avukat Dottor Alessandro Lia u lill-Prokuratur Legali Noel Scerri bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Ulusoy Zafer u Meltem Ulusoy.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Alessandro Lia u tal-Prokuratur Legali Noel Scerri bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Ulusoy Zafer u Meltem Ulusoy li permezz tagħha eċċepew illi:

F'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri, jekk ikun il-kaz, meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw ma' Ulusoy Zafer u Meltem Ulusoy. F'dan ir-rigward l-esponenti minn issa jitolbu lir-rikorrenti sabiex jipprovdulhom kull indirizz inkluz dak elettroniku u/jew numru tat-telephone tal-imsemmija Ulusoy Zafer u Meltem Ulusoy sabiex ikunu jistghu jikkomunikaw maghhom.

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li mill-imsemmi dokument jirrizulta li s-somma ta’ €13,976.24 kellha tithallas mis-sinjuri Ulusoy f’xoghol ta’ hadid.

F’kull kaz, l-attur ghandu jikkonferma jekk sarux xi hlasijiet jew xi xogholijiet akkont jew ghas-saldu tas-somma mertu tal-kawza odjerna.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li l-kambjala datata 10 ta’ Ġunju 2009 maħruġa favur l-attur mill-konvenuti hija skaduta, u għalhekk, is-somma ta’ €13,976.24 hija dovuta lill-attur. Għaldaqstant, l-attur talab ukoll lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lilu dan l-ammont bl-imgħaxijiet mid-data tal-iskadenza tal-kambjala msemmija.

L-Avukat Dottor Alessandro Lia u l-Prokuratur Legali Noel Scerri bħala kuraturi deputati għall-konvenuti assenti eċċepew illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex l-ammont ta’ €13,976.24 kellu jitħallas lill-attur f’xogħol ta’ ħadid kif ukoll illi l-attur għandu jikkonferma jekk sarux xi ħlasijiet jew sarux xogħlijiet akkont jew għas-saldu tas-somma mitluba minnu.

Mill-provi prodotti jirriżulta li permezz ta’ skrittura privata datata 8 ta’ Jannar 2009 l-attur odjern, li deher fuq din l-iskrittura għan-nom tas-soċjetà Raise Fields Developments Limited, u l-konvenuti, ftehmu li in segwitu għall-konvenju ffirmat bejn l-istess partijiet għall-bejgħ ta’ proprjetà immobbli fis-Swieqi, il-konvenuti kellhom iħallsu lis-soċjetà msemmija l-ammont ta’ €13,976.24, liema somma kellha titħallas permezz ta’ *credit note* f’xogħol ta’ ħadid jew aluminium. Jidher li in

segwitu għal dan il-ftehim il-konvenuti ħarġu l-kambjala mertu tal-kawża favur l-attur f'ismu personali u mhux f'isem is-soċjetà msemmija. Fuq din il-kambjala ġie miftiehem li l-ħlas għandu jsir hekk hekk:

> "*the sum of thirteen thousand nine hundred and seventy six Euro and twenty four cents to be paid by means of iron works.*"

Fix-xhieda tiegħu l-attur jikkonferma li l-konvenut kien xtara appartament mingħand is-soċjetà Raise Fields Developments Limited u li l-ftehim kien illi parti mill-prezz kellu jitħallas permezz ta' *credit note* f'xogħol ta' ħadid peress li l-konvenut kien qallu li kien ħaddied. L-attur iżid li l-kuntratt sar u li partijiet ffirmaw il-kambjala mertu tal-kawża, liema kambjala ma tħallsitx u lanqas ma sar ix-xogħol, minkejja li jikkonferma li ngħata *credit note* għax-xogħlijiet mingħand il-konvenut.

Kif diġà ingħad, il-kuraturi deputati għan-nom tal-konvenuti assenti eċċepew illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu li fuq il-kambjala in kwistjoni ġie miftiehem li l-ammont ta' €13,976.24 kellu jitħallas f'xogħol ta' ħadid.

Il-Qorti kkunsidrat li artikolu 123 tal-Kodiċi tal-Kummerċ jaqra hekk:

> "*Il-kambjala għandu jkun fiha d-data, il-lok fejn tiġi miġbuda, is-somma li għandha titħallas, l-isem ta' dak li għandu jitħallas, u l-isem ta' dak li lilu jew għall-ordni tiegħu għandu jsir il-ħas, iż-żmien u l-lok tal-ħlas, u l-valur mogħti fi flus, f'merkanzija f'kont jew f'kull mod ieħor, u għandha tkun iffirmata minn min jiġbidha.*"

Il-Profs. Caruana Galizia fin-noti tiegħu[1] jiddefinixxi l-kambjali hekk:

> "*The bill of exchange is a document, embodying the undertaking of the person, who issues it, to pay or to order*

---

[1] Paġna 16, paragrafu 5.

*another person to pay at a certain date a sum of money to or to the order of a specificed person."*

Navarrini[2] jiddefinixxi l-kambjala hekk:

> "*Un titolo di credito all'ordine, essenzialmente commerciale (munito di particolare forza processuale), contenente l'obbligazjone letterale, formale, astratta, incondizionata e non sottoposta a contro prestazioni, di pagare o far pagare al portatore, a scadenza, in un luogo determinato una "somma di denaro"."*

Fl-istess noti[3] l-Profs Caruana Galizia jkompli billi jispjega li:

> "*The subject of the obligation arising from a bill of exchange must necessarily and essentially be the payment of a sum certain in money. A bill of exchange, therefore, must comprise a monetary obligation; the sum must be certain, not susceptible of a contingent or indefinite additions."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża odjerna, il-Qorti hija tal-fehma li l-kambjala in kwistjoni ma tistax tiġi kkunsidrata bħala waħda valida fil-liġi għaliex fiha ġie espressament miftiehem li l-ammont dovut għandu jitħallas fl-ekwivalenti ta' xogħol ta' ħadid u mhux f'somma flus.

Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li meta kambjala hija nulla, l-obligazzjoni kontenuta fiha tista' tiġi sostnuta bħala obbligazzjoni sempliċi ċivili jew kummerċjali skont in-natura tal-kreditu (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet Henry A. Pace vs Joseph Azzopardi, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ottubru 1964). Iżda l-attur ċertament illi m'għandu ebda dritt jitlob li l-obbligazzjoni tiġi eżegwita bil-ħlas ta' somma flus meta huwa ċar li l-ftehim kien illi jitħallas f'xogħol ta' ħadid. Il-Qorti ma tistax tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-konvenuti għall-ħlas tas-somma mitluba. Huwa evidenti li l-ħlas kellu jsir b'dan il-mod. Il-kitba

---

2 La Cambiale e l-assegno Bancario, paġna 27, paragrafu 25.

3 Paġna 23, paragrafu 3.

ma tagħti l-ebda lok għal ekwivoċi u l-attur stess jikkonferma li aċċetta li l-ħlas isir skont ma hemm miktub fil-kambjala u cioè bl-ekwivalent ta’ €13,976.24 f’xogħol ta’ ħadid. Isegwi għalhekk li l-attur ma jistax minflok jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jiġu ordnati jħallsu somma flus, għaliex il-ħlas kellu jsir bil-modalità mifthema bejn il-partijiet.

Naturalment, jibqa’ mpreġudikat il-jedd tal-attur li jressaq il-pretensjonjiet tiegħu kontra l-konvenuti dment li jitlob li l-ħlas dovut isir mhux b’somma flus iżda bl-ekwivalenti ta’ xogħol ta’ ħadid.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tiċħad it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.

IMHALLEF

DEP/REG